MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 170/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Ioana Ciocan K.I. 592692(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta’ elfejn, ħames mija u tlieta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2543.50), dovuta mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi, rappreżentanti ammont in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bil-kontijiet numru *A/C 40466639* u *A/C 40176083* mogħtija mis-soċjeta’ attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta’ elfejn, ħames mija u tlieta u erbgħin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€2543.50), bl-imgħax legali dekorribbli mis-27 ta’ Settembru 2012, li hija d-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 2111/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------